MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Numru 5741/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino u**
**Spettur Mario Haber)**

**v.**

**Osama Ebeid**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Generali, minnu presentat il-bierah 14 ta' April 2008, li permezz tieghu, wara li invoka l-Artikolu 574A(9) tal-Kodici Kriminali – proprjament kellu jinvoka l-Artikolu 575(4A) ta' l-imsemmi Kodici, pero` ma saret ebda oggezzjoni jew kumment iehor dwar dan in-nuqqas min-naha ta' l-intimat – huwa talab li din il-Qorti tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri ta' l-imputat

Osama Ebeid fil-kawza fl-ismijiet hawn fuq indikata, jew, alternattivament, varjazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-*bail*;

Rat id-digriet taghha tal-bierah li permezz tieghu l-imsemmi rikors gie appuntat ghas-smigh ghal-lum;

Semghet fl-udjenza tal-lum lill-Avukata Dott. Lara Lanfranco ghar-rikorrent Avukat Generali kif ukoll lill-Avukat Dott. Joseph Brincat ghall-intimat; semghet ukoll bil-gurament lill-Ispettur tal-Pulizija Chris Pullicino kif ukoll lill-istess intimat;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni u hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz kif jemergu sa issa mill-istruttorja; ikkunsidrat:

L-imputat jinsab akkuzat b'diversi reati konnessi ma' traffikar illegali ta' persuni, u fil-konfront tieghu hemm ukoll sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti Rimandanti), in segwitu konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, li permezz taghha ntlaqghet talba ghall-estradizzjoni ta' l-imsemmi Osama Ebeid lejn l-Italja. L-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza tinsab sospiza proprju minhabba dawn il-proceduri konnessi ma' traffikar illegali ta' persuni.

Issa, kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tosserva fid-digrieti taghha tat-13 ta' Settembru 2006 u 18 ta' Frar 2006 fl-ismijiet **Il-Puilizija v. Bernice Formosa et** u **Il-Pulizija v. Anthony Bugeja et** rispettivament, kif ukoll f'digriet iehor datat 24 ta' Novembru 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Josef Camilleri et**, il-proceduri ta' revizjoni taht is-subartikoli (9) tal-Artikolu 574A u (4A) tal-Artikolu 575 ma kienux certament intizi biex <u>f'kull kaz</u> ta' ghoti ta' helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati, din il-Qorti (il-Qorti Kriminali) toqghod tirrevedi kollox biex tara jekk hi, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, <u>kienitx kieku tikkoncedi</u>

dak il-helsien mill-arrest [1], u, f'kaz ta' risposta negattiva, tirrevoka dak il-helsien mill-arrest. Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn l-imsemmija proceduri gew introdotta biex, jekk din il-Qorti taqbel ma' l-Avukat Generali li l-ewwel Qorti tkun ezercitat id-diskrezzjoni taghha b'mod evidentement zbaljat – sia jekk fuq bazi fattwali (ez. ma tkunx ikkunsidrat bizzejjed certi fatti jew cirkostanzi) u sia jekk fuq bazi legali (ez. uzu hazin tal-garanzija personali) – allura tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest koncess mill-Qorti Inferjuri jew tvarja l-kundizzjonijiet li tahthom dak il-helsien mill-arrest ikun gie koncess. Fi kliem iehor, is-semplici fatt wahdu li din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li hija ma kienitx tikkoncedi l-helsien mill-arrest, jew li hija kienet kieku timponi kundizzjonijiet differenti minn dawk imposti mill-ewwel Qorti, m'ghandux iwassal necessarjament ghall-konsegwenza li din il-Qorti tirrevoka dak il-helsien mill-arrest jew tvarja dawk il-kundizzjonijiet. Wiehed jippresumi li l-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha qabel ma tat il-helsien mill-arrest u qabel ma stabbiliet il-kundizzjonijiet tal-istess helsien. Parimenti, meta l-Qorti tal-Magistrati tirrifjuta li taghti l-helsien mill-arrest – u ghandha taghti r-ragunijiet, anke jekk fil-qosor jew b'mod konciz hafna, ghal tali rifjut, Art. 575(11) – din il-Qorti, jekk ma tkunx tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet manifestament zbaljata fir-rifjut taghha, m'ghandhiex tvarja tali decizjoni. Kieku kien mod iehor, ikun ifisser li d-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati f'din il-materja ta' helsien mill-arrest jkunu kwazi ta' natura aleatorja;

F'dan il-kaz, din il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti wzat id-diskrezzjoni taghha biex taghti l-helsien mill-arrest taht garanzija b'mod manifestament zbaljat. Fejn din il-Qorti, pero`, ma taqbilx ma' l-ewwel Qorti huwa dwar il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u dan peress li kjarament sar uzu hazin tal-garanzija personali. L-intimat ma jirrizultax li ghandu hamsa w ghoxrin elf Ewro (Euro 25,000) u ghalhekk l-imposizzjoni ta' tali somma bhala

[1] S'intendi l-Artikolu 574A(9) jikkontempla wkoll l-ipotesi ta' helsien mill-arrest minghajr kondizzjoni, li pero` mhux il-kaz odjern.

garanzija personali ma taghmilx sens – jekk huwa jghaddilu minn mohhu li jitlaq minn Malta jew li ma josservax xi kundizzjoni tal-helsien mill-arrest, tali garanzija personali certament mhux ser tkun ta' fren adegwat. Differenti tkun is-sitwazzjoni jekk ikun hemm jew deposiztu (li jista' jsir minn terza persuna li jkollha allura kull interess li tara li l-intimat jaderixxi skrupolosament ma' l-imsemmija kundizzjonijiet) jew jekk jingieb terz idoneju bhala garanti. Wiehed m'ghandux jinsa – cirkostanza, din, li l-ewwel Qorti ma jidhirx li taghtha l-piz misthoqq – li ghalkemm l-intimat ghandu karta ta' l-identita` maltija u anke relazzjoni ma' persuna tas-sess oppost, residenti f'Malta, li hija piu` o meno stabbli, huwa xorta wahda ghandu rabtiet mhux hazin ma' barra. Ghalhekk f'dan il-kaz hemm lok biss li jigu varjati l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest.

Ghall-motivi premessi, tipprovdi dwar ir-rikors ta' l-Avukat Generali billi, filwaqt li thassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti Istruttorja ta' l-10 ta' April 2008 fl-ismijiet premessi, u wara li regghet hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-kondizzjoni tal-imputat, ix-xorta u l-kwalita` tar-reati li bihom jinsab akkuzat, u z-zmien tal-piena li ghaliha r-reati huma suggetti (Art. 576 tal-Kap. 9), takkorda lil Osama Ebeid il-beneficcju tal-helsien mill-arrest f'dawn il-proceduri taht is-segwenti kundizzjonijiet:

**i. li r-rikorrent jidher u joqghod ghal kull ordni ta' din il-Qorti jew ta' kwalsiasi Qorti ohra li quddiemha jkun jinsab il-process jew xi kwistjoni li tohrog mill-process jew li hi marbuta mieghu;**

**ii. li ma jikkomunikax jew jipprova jikkomunika b'ebda mod, la direttament u anqas indirettament jew tramite terzi, u anqas telefonikament, max-xhieda tal-prosekuzzjoni;**

**iii. li jirrisjedi fl-indirizz moghti minnu fl-interrogatorju tal-Magistrat (fol. 8 tal-attijiet tal-kumpilazzjoni), u cioe` 121 Triq l-Arkati, Paola; li ma jbiddilx din ir-residenza minghajr il-permess tal-Qorti;**

**u li ma johrogx mill-imsemmija residenza hlief bejn is-sitta ta’ filghodu (6.00 am) u t-tmienja ta’ filghaxija (8.00 pm);**

**iv. li jirraporta darbtejn kulljum fil-Ghassa tal-Pulizija ta’ Rahal Gdid bejn is-sitta w kwart u t-tmienja ta’ filghodu (6.15 am – 8.00 am) u bejn il-hamsa u s-sitta ta’ wara nofs in-nhar (5.00 pm – 6.00 pm);**

**v. li jikkonsenja il-passaport tieghu u kull "tarvel document" iehor li jista' jinsab fil-pussess tieghu, inkluza l-karta ta’ l-identità, lill-Ispettur tal-Pulizija Chris Pullicino; li ma jhallix jew jipprova jhalli dawn il-Gzejjer; kif ukoll li ma jitlax jew jipprova jitla’ fuq ebda daghjsa, lanca, *yacht*, vapur jew mezz iehor ta' trasport bil-bahar, ikun ta' liema xorta jkun;**

**vi. li f’ebda hin u taht ebda cirkostanza ma’ ghandu jkun f’distanza ta’ anqas minn mitejn metru mix-xatt tal-bahar, ikun fejn ikun fil-Gzejjer Maltin; u**

**vii. li jaghmel tajjeb ghall-dawn il-kundizzjonijiet kif ukoll ghal dak kollu li tghid u trid il-ligi fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali**

**# billi jgib plegg tajjeb li jobbliga ruhhu bil-miktub ghas-somma ta’ hamsa w ghoxrin elf Ewro (Euro 25,000); f'kaz li jingieb tali plegg il-Qorti tordna li jinghata avviz ta' erba' w ghoxrin siegha kif provvdut fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 582 sabiex tkun tista' tigi determinata l-idoneita` ta' tali plegg, u din il-garanzija ma jkollha ebda effett qabel ma tali plegg jigi approvat minn din il-Qorti; jew**

**# billi jiddepozita taht l-awtorita' ta' din il-Qorti u bhala garanzija s-somma ta’ hamsa w ghoxrin elf Ewro (Euro 25,000).**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------